IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2013
COM(2013) 632 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, ta' Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u r-Repubblika tal-Kroazja, mal-Albanija sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (tal-1 ta' April 2009) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Dawn in-negozjati saru bejn id-19 ta' Novembru 2012 u l-10 ta' Jannar 2013. Wara aktar kjarifiki tekniċi u korrispondenza, l-awtoritajiet Albaniżi infurmaw li huma qablu mal-abbozz ta' Protokoll propost mill-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2013. It-test tal-abbozz ta' Protokoll hu mehmuż.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u jikkonkludi l-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (KEEA) hija wkoll parti għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għall-konklużjoni tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

F'konformità mal-Artikolu 101 tat-Trattat tal-KEEA, id-deċiżjoni li jiġi ffirmat il-Ftehim tiġi adottata mill-Kummissjoni u d-deċiżjoni li jiġi konklużż il-ftehim tiġi adottata mill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu adottati deċiżjonijiet separati għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll mill-UE u mill-KEEA.

Għall-konklużjoni tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

- jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, ta' Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tal-istess Trattat,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Albanija sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess.

(3) Għalhekk, il-Protokoll għandu jiġi konkluż, ukoll f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġġija Atomika f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat tal-Euratom.

(4) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma soġġetti għal proċeduri separati fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(5) Il-konklużjoni tal-Protokoll mill-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, għandha tiġi approvata.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokol") hija b'dan approvata.

It-test tal-Protokol huwa mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President